# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2007

# RELIĠJON

## A. Agħmel sinjal (✓) ħdejn l-aħjar tweġiba dwar il-Knisja.

**(10 marki)**

**Eżempju:** Il-Knisja hija mibnija fuq

| | |
|---|---|
| il-liġijiet tal-pajjiż. | |
| it-tagħlim ta' l-għorrief. | |
| it-tagħlim ta' Kristu. | ✓ |
| dak li jaħsbu n-nies. | |

1. Il-Knisja nsejħulha kattolika għax

| | |
|---|---|
| tgħammed lin-nies. | |
| imxerrda mad-dinja kollha. | |
| fiha nies intelliġenti. | |
| ma taċċettax reliġjonijiet oħra. | |

2. Ġesù qabbel lill-Knisja ma'

| | |
|---|---|
| armata b'saħħitha. | |
| bini kbir. | |
| żerriegħa ċkejkna. | |
| l-Imperu Ruman. | |

3. Minn fost id-dixxipli tiegħu, Ġesù għażel

| | |
|---|---|
| għaxar appostli. | |
| tnax-il appostlu. | |
| erbatax-il appostlu. | |
| ħmistax-il appostlu. | |

4. Fil-quddiesa l-Knisja tistedinna biex

| | |
|---|---|
| noqogħdu nitkellmu mal-ħbieb. | |
| ngħidu r-rużarju. | |
| mmorru nqerru. | |
| nirċievu lil Ġesù Ewkaristija. | |

5. Bħala l-ewwel kap tal-Knisja, Kristu għażel lil

| | |
|---|---|
| San Mark. | |
| San Pietru. | |
| San Luqa. | |
| San Ġwann. | |

6. Il-Kap tal-Knisja llum huwa l-Papa

| | |
|---|---|
| Ġwanni Pawlu t-Tieni. | |
| Benedittu Sittax. | |
| Ġwanni Tlieta u Għoxrin. | |
| Pawlu Sitta. | |

7. L-Isqfijiet li jmexxu l-Knisja f'Malta u Għawdex illum huma

| | |
|---|---|
| L-Isqof Pawl Cremona u l-Isqof Annetto Depasquale. | |
| L-Isqof Ġużeppi Mercieca u l-Isqof Mario Grech. | |
| L-Isqof Pawl Cremona u l-Isqof Mario Grech. | |
| L-Isqof Nikol Cauchi u l-Isqof Pawl Cremona. | |

8. Lil dawk li nfirdu mill-Knisja aħna għandna

| | |
|---|---|
| nirrispettawhom u nitolbu għalihom. | |
| nkeċċuhom mill-Knisja. | |
| nitkellmu kontra tagħhom. | |
| nagħtuhom ċans ieħor biss. | |

9. L-Ispirtu s-Santu

| | |
|---|---|
| sar bniedem bħalna. | |
| jagħtina dawl u qawwa. | |
| ħalaq is-sema u l-art. | |
| huwa t-tieni persuna tat-Trinità. | |

10. Il-Knisja terġa' tħabbeb lil min jagħmel id-dnub bis-sagrament

| | |
|---|---|
| tal-magħmudija. | |
| tal-qrar. | |
| taż-żwieġ. | |
| tal-griżma ta' l-Isqof. | |



**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor. (10 marki)**

1. Kif nafu li Alla hu kbir u għaref?

___

2. Għaliex il-bniedem hu aqwa mill-ħlejjaq l-oħra?

___

3. Alla meta għamilna wliedu u daħħalna fil-familja tiegħu?

___

4. Lil min bagħat Alla biex isalvana u kif salvana?

a. ___

b. ___

5. Għaliex lil Ġesù ngħidulu *l-pont li jgħaqqadna ma' Alla l-Missier*?

___

6. Xi tfisser il-kelma '*Amen*'?

___

7. Għaliex it-tqarbin insejħulu s-sagrament ta' l-għaqda?

___

8. Għaliex il-quddiesa hi l-akbar talba li aħna nistgħu nagħmlu lil Alla?

___

9. Kif niltaqgħu ma' Alla fl-ewwel parti tal-quddiesa?

___

**Ċ. Żid żewġ sentenzi oħra dwar kull ġrajja fil-ħajja ta' Ġesù.**

**(2 marki x 5 = 10 marki)**

**Eżempju:** **<u>Iż-żjara ta' l-anġlu lil Marija</u>.**



1. **Alla għażel lil Marija biex tkun Omm Ġesù.**
2. ***<u>Alla bagħat lil anġlu Gabriel biex iħabbar dan</u>.***
3. ***<u>Marija wieġbet, "Ikun minni skond kelmtek</u>."***

1. **<u>Il-Milied</u>**



i. Ġesù jitwieled f'Betlehem.

ii. ___

iii. ___

2. **<u>L-Epifanija</u>**



i. Il-Maġi kienu jgħixu fil-Lvant tal-Palestina.

ii. ___

iii. ___

3. **L-Aħħar Ċena**

i. Din saret fil-lejl ta' qabel miet Ġesù.

ii. ________________________________________________

iii. ________________________________________________



3. **Il-Ġimgħa l-Kbira**

i. Ġesù miet fuq is-salib.

ii. ________________________________________________

iii. ________________________________________________



4. **L-Għid il-Kbir**

i. Din kienet l-akbar ġrajja fil-ħajja ta' Ġesù.

ii. ________________________________________________

iii. ________________________________________________



## D. Qabbel il-barkiet t'Alla billi tagħmel numru fil-kolonna. Ara l-eżempju. (7 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax** | | huma jkunu mfarrġa. |
| 2. | Henjin l-imnikktin, għax | | huma jkunu mxebbgħin. |
| 3. | Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax | **1** | **tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet.** |
| 4. | Henjin dawk li huma bil ġuħ u bil-għatx tal-ġustizzja, għax | | huma jkollhom b'wirthom l-art. |

**Issa qabbel dawn li ġejjin.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Henjin dawk li jħennu, għax | | huma jissejħu wlied Alla. |
| 6. | Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax | | tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet. |
| 7. | Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax | | huma jsibu ħniena. |
| 8. | Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax | | huma jaraw 'l Alla. |



E. **Petra kienet dejjem tilbes domna tal-Madonna ma' għonqha. Meta kienet tiġi f'xi diffikultà bħal qabel xi eżami, kont taraha taqbad id-domna f'idha u tbusha. Meta Mary staqsietha għaliex kienet tagħmel hekk, weġbitha, "Biex niftakar li l-Madonna dejjem qiegħda hemm biex tgħinni".**



**(13-il marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Agħti żewġ ismijiet ta' qaddisin li int titlob biex jgħinuk.

   ______________________________ u ______________________________ (2)

2. F'liema xahar nagħmlu l-festa tal-qaddisin kollha? ______________________________(1)
3. Semmi waħda mit-talbiet li aħna ngħidu lil Marija fir-rużarju? ____________________(1)
4. Semmi żewġ affarijiet barra l-eżempju li inti tista' tilbes fuqek (jew iżżommu fil-but), biex f'xi diffikultà jew tentazzjoni jfakkruk li dejjem hemm min jgħinek.

   Eżempju – domna. 1. ______________________ 2. ______________________ (2)

5. Għalfejn nitgħallmu dwar il-ħajja tal qaddisin? Agħti żewġ raġunijiet.

   a. ____________________________________________________________________ (2)

   b. ____________________________________________________________________ (2)

6. Ikteb żewġ sentenzi għaliex il-Knisja se tagħmel lil Dun Ġorġ Preca qaddis.

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________ (3)

F. **Kompli dawn is-sentenzi dwar it-Tqarbin.** **(10 marki)**



**F'hiex jinbidlu l-ħobż u l-inbid waqt il-konsagrazzjoni fil-quddiesa?**

Jinbidlu ____________________________________________________________.

**(2 marki)**

**Kompli t-talba li ngħidu qabel it-Tqarbin.**

Mulej ma jistħoqqlix li tidħol ______________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________.

**(4 marki)**

**Ikteb talba li int tista' tgħid wara li titqarben.**

Mulej Ġesù,



________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**(4 marki)**

**Ġ. Ġesù jgħidilna, "*Intom id-dawl tad-dinja.*" Bl-imġiba tajba tagħna aħna nsiru d-dawl tad-dinja. Ikteb 5 sentenzi biex turi kif għandek iġġib ruħek b'mod li togħġob lil Ġesù.** (Ikteb dak li għandek tagħmel, mhux dak li ma' għandekx tagħmel.) **(2 marki x 5 = 10 marki)**

| **Eżempju: Naħfer lil min iweġġagħni.** |
|---|
| 1. |
| 2. |
| 3. |
| 4. |
| 5. |

## G. Aqra din is-silta dwar l-Iben il-Ħali. (10 marki)



Wieħed raġel kellu żewġt itfal subien. Iż-żgħir talab flusu lil missieru, mar f'art bogħod u berbaq flusu sakemm ma kien baqagħlu xejn.
Imbagħad kellu jmur ma' wieħed biex jirgħa l-ħnieżer, u tant kien bil-ġuħ li kien jiekol l-ikel li jieklu huma.
Ħaseb għalhekk fid-dar u f'kemm kien ħanin missieru. Għamel f'moħħu li jmur għandu u jgħidlu, "*Missier, jien dnibt, ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.*"
Iżda missieru kien qiegħed jittawwal jistennieh u malli ibnu fqir, imqatta u bil-ġuħ, beda jgħidlu kemm jiddispjaċieh, biesu u għamillu festa. Tant feraħ li ibnu kien reġa' lura f'daru bniedem mibdul.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Min telaq mid-dar? ______________________ (1)
2. Xi ġralu meta spiċċawlu l-flus? ______________________ (1)
3. X'beda jaħseb l-iben fi triqtu lura d-dar?

   __________________________________________ (1)
4. Kif laqgħu l-missier? ______________________ (1)
5. Ma' min jerġa' jagħmilna paċi s-sagrament tal-qrar?

   a. ______________ b. ______________ (2)
6. Tania qalet kontra Anna.

   a. X'**għemil** tajjeb tista' tagħmel Tania biex tpatti għan-nuqqas li għamlet?

   __________________________________________ (2)

   b. Agħti eżempju ta' għemil tajjeb **(il-penitenza)** li l-konfessur jagħtina fl-aħħar tal-qrar.

   __________________________________________ (2)

**GĦ. San Pawl ikkonsagra lil Publiju bħala l-ewwel Isqof ta' Malta.**

**Ikteb ittra qasira lil San Pawl biex tfakkru fil-ġrajjiet ta' meta ġie Malta. Għidlu wkoll li għandna Isqof ġdid.** **(10 marki)**

Għażiż San Pawl,

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**H. Għal għeluq snin l-Isqof Pawl Cremona wieħed tifel tah nagħġa bħala *soft toy*. Meta staqsewh għaliex għamel hekk, it-tifel wieġeb li l-Isqof huwa r-Ragħaj tagħna.**

**L-ISFQIJIET TAGĦNA**





**a. Ikteb tliet sentenzi biex turi kif aħna għandna nġibu ruħna bħala n-nagħaġ tiegħu.** **(10 marki)**

1. ______________________________________________
2. ______________________________________________
3. ______________________________________________ (6)

**b. Skond il-vanġelu x'jagħmel ir-Ragħaj meta jitlef xi nagħġa minn tiegħu?**

1. ______________________________________________
2. ______________________________________________ (4)

